MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 37/K5/2009 |
| Data: | Il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Ħin: | 4.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Dr. Alex Sciberras |
| | Il-Viċi Sindku: | Sur Emanuel Abela |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat<br>Dr. Carmelo Grima<br>Sur Joseph Demarco<br>Sur Maurice Agius<br>Sinjura Maryanne Cuomo |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar t-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2009. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 36/K5/2008.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Programm ta' toroq tal- ADT 2006-2008.
5. Approvazjoni tal-minuti u rapporti mill-Kumitati.
6. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Purchase Request Sheet.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.

**Seduta Nru 37/K5/2008**

**Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 36/K5/2009**

1373. Is-Sindku ressaq il-minuti 36/K5/2009 bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezjoni.

1374. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dr Grima issekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1375. Dwar minuta 1339, Dr Grima saqsa sarits il-laqgħa mal-ADT dwar it-*traffic management* f'Tal-Qroqq u Timed Parking madwar il-lokal. Is-Sindku qal li l-laqgħa kellha issir it-Tnejn li għadda, iżda ser ikolla issir nhar il-Ħamis 2 ta' April 2009.

1376. Dwar minuta 1340, M Agius saqsa hemmx risposta mill-Awtorita Marittima dwar il-ħajt li jinsab faċċata tal-Knisja Parrokjali. Is-Segretarju qal li ma intbgħatitx l-ebda tweġiba. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nibgħatu ittra lis-CEO tal-Awtorita, iżda din id-darba reġistrata, b'kopja lill-Onorevoli Dr. Chris Said.

1377. Dwar minuta 1341, Dr Grima saqsa hemmx xi materji ġodda dwar it-traffiku quddiem il-Kuleġġ San Martin. Is-Segretarju stqarr li l-Kunsillier E Brincat kellu laqgħa dalgħodu stess, u jkun aħjar li kieku jirraporta hu stess dwar dan. Is-Sindku qal li l-kumpanija issa hija f'posizjoni li tibgħat wardens fuq il-post.

1378. Dwar minuta 1348, Dr Grima saqsa intbgħatitx l-ittra lill-ADT dwar il-livelli ta' Triq Rue D'Argens. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

1379 (a). Dwar minuta 1349, Dr Grima saqsa dwar id-donazjoni ta' komputers mill-Kunsill. Is-Segretarju qal li l-komputers qegħdin għal *formatting*, biex b'hekk id-donazjoni tkun tista ssir wara li dan ix-xogħol ikun lest.

1379 (b). E Brincat daħal fil-laqgħa. Ħin: 16.55

1380. Dwar minuta 1350, Dr Grima saqsa hemmx xi materji dwar il-kwotazjoni tal-kumpanija MITA dwar l-installazjoni tas-sistema ta' ICT fil-librerija. Is-Sindku qal li ltaqa' ma Dr Chris Said, fejn dan kien qallu li l-istima hija eżaġerata u li kellu jkellmu l-għada wara li jivverifika l-materja. Is-Sindku qal li sa llum Dr Chris Said kien għadu ma kelmux lura. Is-Segretarju stqarr li bgħat reminder lill-uffiċċju ta' Dr Chris Said dwar dan kollhu, iżda xorta għadna bla tweġiba. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nkelmuhom.

1381. Dwar minuta 1355, Dr Grima saqsa dwar l-iżviluppi tal-laqgħa mal-Klabb tal-Banda. Is-Segretarju qal li l-Kunsill ta' l-għajnuna lill-Klabb billi ordna Pulizija għal waqt l-attivita u ta' sponsor billi ingħata d-dawl mill-Monument tal-Ħaddiem.

1382. Dwar minuta 1363, Dr Grima saqsa saritx it-talba tad-Devoluzjoni. Is-Segretarju qal li l-formoli tal-applikazjoni huma kważi lesti, kull ma jonqos huma li nimlew il-parti finanzjarja mal-accountant.

1383. Dwar minuta 1341, E Brincat stqarr li sar meeting mal-Coop, il-Kumpanija li tieħu ħsieb it-trasport tal-Kuleġġ, fejn huma stqarrew li ma jistgħux jipparkjaw kif jixtieq il-Kunsill. E Brincat kompla li l-Kuleġġ mhux jonora il-ftehim li jingħalqu l-gradi fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Il-Kunsill qal li fuq din il-materja hemm bżonn li jintalab il-parir tal-avukat.

**Punt 3 Korrispondenza**

1384. 0535, 0536, 0537 - Is-Sindku qara l-korrispondenza li bgħat il-Kunsillier E Brincat. Il-Kunsill qabel li jinstalla Sleeping Police fi Trejqa BoxBox, li ninfumaw l-ADT li Un/Loading bay fi Triq il-Wied mhux tintuża, u sabiex jiġu installati bollards fi Triq il-Kuncizjoni, viċin Sqaq il-Wied. Il-Kunsill qabel.

1385. 0384 - Is-Sindku qara ittra mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie infurmat illi ma jistax isir arranġement mal-kumpanija Bitmac sabiex isiru xogħlijiet u li dawn jitħalsu bin-nifs fuq medda ta' xhur, peress li dawn ikunu qed jitfgħu piż finanzjarju fuq il-leġislatura li jmiss.

1386. 0448 - Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Ministeru ghall-Politika Soċjali, dwar talba biex isiru Un/Loading bays quddiem ċertu spiżeriji fl-Imsida minħabba il-programm *Pharmacy of Your Choice*. Il-Kunsill qabel fil-principju li dawn għandhom isiru, iżda li dik ta' Triq ix-Xatt ta' Xbiex tiġi mressqa min quddiem il-ħanut *Inkspots* għal quddiem l-ispiżjar fl-istess triq, u li dik indikata għall-ispizerija *Debbies*, issir quddiem il-ħanut *Xakas*.

1387. 0435 - Is-Sindku ressaq rapport ta' ħsarat li ġarrab resident fit-tyre tal-karozza tiegħu fi Triq it-Torri, Msida. Il-Kunsill qabel li jirrifondi l-ispiża li ġarrab ir-resident ta' €85.

1388. 0332 - Is-Sindku qara talba għall-installazjoni ta' *Bumping Cars* fejn il-Monument tal-Ħaddiem bejn Mejju u {unju. Il-Kunsill qabel li jinħareg il-permess bil-kundizjonijiet li ġejjin: l-attrazjoni għanda tintefa fil-ħdax ta' filgħaxija, l-armar tal-attrazjoni jibda wara l-4 ta' Mejju u li jintrabtu €233 kontra l-ksur ta' xi kundizjoni msemmija.

1389. 0504 - Is-Sindku spjega li l-kumpanija Masquerade bgħatu l-eċċezjonijiet tagħhom għal kawża li fetaħ il-Kunsill kontrihom ix-xahar li għadda. Is-Sindku qal

li kull min jixtieq kopja ta' dawn l-eċċezjonijiet jista jitlob kopja lis-Segretarju. Il-każ għandu issa jersaq fil-qrati fix-xahar ta' April.

1390. 0533 - Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta min-nursery tal-Msida St Joseph fejn qed jitolbu donazjoni mill-Kunsill għal attivita li ser ikunu qed jorganizzaw. Il-Kunsill ma qabilx li jgħati donazjoni, iżda li jgħamel sponsorship ta' tazzi bħala premju.

1391. 0511 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill ġie infurmat li fil-21 ta' April 2009, ser issir diskussjoni għal Misidjani dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija fiċ-~entru ~iviku fl-għaxra ta' filgħodu.

1392. 0509 - Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jidħol għal programm E-Tfal u ECDL għall-adulti.

1393. 0519 - Is-Sindku qara ittra min resident jilmenta li ma hux qed ikun jista joħrog mill-garaxx tiegħu fi Triq l-Iskola waqt il-hin ta' dħul u ħruġ ta' studenti mill-iskola Achille Ferris. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa mal-Għassa tal-Pulizija.

1394. E Abela ħareġ mil-laqgħa. Ħin: 17.49

**Punt 4 Programm ta' toroq tal-ADT 2006-2008**

1394. Is-Sindku qal li matul din il-leġislatura intbgħatu ammont kbir ta' ittri u e-mails kemm lil Ministri responsabli, hekk kif ukoll lill-ufficjali tal-ADT dwar in-nuqqas mill-ADT milli jibnu t-toroq li kienu programmati li jsiru fl-Imsida sas-sena 2008. Saru ukoll żewġ mistoqsijiet parlamentari dwar il-materja. It-tweġibiet, meta dawn intbgħatu, kienu dejjem konflinġenti. Dan l-aħħar, korrispondenza mill-ADT qegħda tgħid li huma qatt ma rċivew it-talba tal-Kunsill Lokali biex isir meeting dwar il-materja. Il-Kunsill qabel li din l-attitudni mhix aċċetabli. E Brincat u J Demarco ipproponew li issir Press Conference dwar il-materja. Il-Kunsill qabel li din issir. Is-Sindku esieġa li l-Kunsilliera kollha jattendu għal din il-Press Conference. Il-Kunsill qabel.

**Punt 5 Approvazjoni tal-Minuti u Rapporti mill-Kumitati**

1395 (a). Mis-Sotto Kumitat għall-Anzjani, E Abela stqarr li ser issir l-ikla tal-Għid bħal snin preċedenti, iżda qed jipproponi li din is-sena, b'differenza min snin ta' qabel, titqassam figolla lil kull parteċipant fl-attivita. L-Kunsill qabel.

1395 (b). E Abela kompla qal li għax-xahar ta' Mejju, jixtieq jorganizza mawra għal Għawdex, fuq program li qegħda torganizza l-Assoċjazjoni għat-Turiżmu Għawdex, liema mawra ser tkun wahda ta' tlett iljieli bejn il-11 u 14 ta' Mejju 2009. Il-ħlas tal-attivita ser isir mill-parteċipanti, filwat li l-Kunsill jħallas għat-trasport mill-Msida għaċ-~irkewwa u lura. Il-Kunsill qabel.

**Punt 6** **Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

1396. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K5/Min37 għall-approvazjoni. Dr Grima issekonda. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dr Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

1397 (a). Is-Sindku ressaq l-applikazjonijiet għall-Performance Bonus għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill, hekk kif ukoll għas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Performance Bonus ġie approvat li jingħata *in full* għall-ħaddiema kollha.

1397 (b). Is-Sindku propona li jingħata Performance Bonus lis-Sinjura Marisa Xerri Demanuele. Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera li dan ma għandux isir, peress li s-Sinjura Xerri Demanuele hija impjegata mal-Kunsill fuq bazi kontratwali, u għaldaqstant peress li l-kuntratt ma jsemmix dan it-tip ta' ħlas, dan ma għandux isir. Il-Kunsill iddiskuta l-ammont li għanda tingħata s-Sinjura Xerri Demanuele. M Agius propona li tingħata 3% tal-valur li tħallset fis-sena. Is-Sindku qal li għanda tieħu 4%. Is-Sindku ressaq għal vot. Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Xerri Demanuele għanda tingħata performance bonus ta' 4%. Dr Grima qal li l-Kunsill għandu jassigura li s-Sinjura Xerri Demanuele tingħata kors fuq *customer care*.

**Punt 7** **Affarijiet ohra jekk Urgenti**

1398. Dr Grima qal li hemm katusa ta' ammont ta' btieħi ta' residenti fi Triq Prinċipessa Margerita, li ma għandix il-qlib neċessarju. Huwa propona li din tissewwa.

1399. Dr Grima qal li għanda issir kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq Antonio Sciortino.

1400. M Agius propona li l-meter tad-dawl tal-iskatepark għandu jintefa fil-ħdax ta' filgħaxija.

1401. M Agius propona li tinzebaħ wheelchair fir-reserved parking bays ta' Triq il-{dida.

1402. M Agius propona li jiġi ivverifikat li r-reserved parking bay quddiem 'Pincott Security' fi Triq Rue D'Argens hija bil-permess. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv. M Agius propona li nivverifikaw jekk din hix restritta b'xi ħinijiet.

1403. M Agius propona li ż-żebra crossing fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex tersaq fil-kantuniera ma' Triq Mons. Dandria. Il-Kunsill qabel li ngħamlu din it-talba mal-ADT.

1404. Dr. Grima, M Agius u M Cuomo ħarġu mil-laqgħa. Ħin: 18.42

1405. J Demarco propona li jsiru Sleeping Police fis-segwenti toroq: Triq il-Kunċizzjoni qabel il-Knisja iż-żgħira; Triq il-Makna tas-Serrar bejn Mons. Dandria u Triq Sciortino; tnejn fi Triq is-Swatar; tnejn fi Triq Indri Grima.

1406. Is-Sindku propona li jsiru sleeping police fi Triq Oscar Zammit, fi Triq il-Knisja k/ma Triq Sciortino, u fi Triq tal-Qroqq k/ma Triq Isqof Caruana. Is-Sindku propona li tinġieb kwotazjoni għax-xiri u installar ta' sleeping police.

1407. E Brincat qal li hemm bżonn tiġi irranġata bankina fi Triq San Lwigi, quddiem is-Sur Louis Dimech; filwaqt li ressaq sabiex tinġieb stima ta' xogħlijiet ta' tiswija ta' dwal fejn l-Għajn tal-Ħasselin u l-Klabb tal-Boċċi.

1408. J Demarco qal li għandom isiru tiswijiet fi Triq il-Gdida, l-parti fejn tgħalaq. Is-Sindku propona li jsiru pjanti u dawn jitressqu quddiem il-bord tal-Urban Improvement Fund.

1409. J Demarco qal li għandu jsir ammont ta' patching madwar l-Imsida. Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera li ser ikun qed isir dan fil-jiem li gejjin. Is-Sindku propona li jsir patching estensiv fi Triq Principessa Margerita.

1410. E Brincat propona li jsir culvert quddiem il-ħanut Queen's End fi Triq St. Venera u bollard quddiem bieb numru 48 fi Triq Antonio Bosio. E Brincat kompla li l-Kunsill għandu jkellem l-Avukat fuq tiswijiet mhux skond il-mestier li saru fuq bankina fi Triq Principessa Margerita, quddiem il-ħanut Babyworld.

1411. E Brincat propona li tinġieb kwotazjoni sabiex issir irħama bl-ismijiet tas-Sindki fl-Imsida.

1412. E Brincat propona li l-Kunsill jiċċekja xelter fi Triq il-Kuncizzjoni, u jekk dan jistax jitnaddaf u jinfetaħ mill-Kunsill.

1413. E Abela qal li l-Kunsill għandu jikteb ittra lill-ADT sabiex tinbena bankina fi C De Brockdorff, faċċata tal-istabilment FXB.

Approvati llum __________________________________________

Dott. Alexander Sciberras
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv